

4. Ir-raba' motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq il-ksur tal-Artikoli 107(1) u 108(2) TFUE, sa fejn il-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi meta waslet għall-konklużjoni li l-għajjnuna mogħtija lil Ryanair u lil AMS kienet ekwivalenti għat-telf marġinali akkumulat tal-ajruport minflok għall-benefiċċju reali ta' Ryanair u AMS. Il-Kummissjoni missha eżaminat sa liema punt l-allegat benefiċċju kien effettivament ġie ttrasferit lill-passiġġieri ta' Ryanair. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kkwantifikatx il-vantaġġ kompetittiv li Ryanair allegatament ibbenefikat minnu bis-saħħa tal-flussi ta' ħlas (allegatament) b'telf tal-ajruport. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma spjegatx b'mod xieraq għaliex l-irkupru tal-ammont tal-għajjnuna msemmi fid-deċiżjoni kien neċessarju sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel l-għoti tal-għajjnuna.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2016 – Puma vs EUIPO (FOREVER FASTER)**

**(Kawża T-104/16)**

(2016/C 165/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Schunke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali "FOREVER FAST" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 217 411

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Jannar 2016 fil-Kawża R 770/2015-1

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tordna li l-konvenut jawtorizza r-reġistrazzjoni tat-terminu "FOREVER FASTER" għall-prodotti kkontestati;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk esposti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' amministrazzjoni tajba stabbilita mil-liġijiet Ewropej.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2016 – Laboratoire de la mer vs EUIPO – Boehringer Ingelheim Pharma (RESPIMER)**

**(Kawża T-109/16)**

(2016/C 165/18)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Laboratoire de la mer (Saint-Malo, Franza) (rappreżentant: S. Szilvasi, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG (Ingelheim, il-Ġermanja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Applikant għat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrent

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali “RESPIMER” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 228 004

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-21 ta' Jannar 2016, fil-Każ R 3109/2014-5

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea “RESPIMER” Nru 11 228 004, għall-prodotti indikati kollha fil-klassijiet 3, 5 u 10;
- tordna lil Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha sostnuti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO, il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

### **Motivi invokati**

- Billi naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni tal-4 ta' April 2013 tal-istitut nazzjonali Franċiż tal-proprietà intellettuali fir-rigward tal-istess trade marks, il-Ħames Bord tal-Appell naqas milli jipprovdi bażi legali għad-deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2016 – Delfin Wellness vs EUIPO – Laher (Kabini infra-ħomor u sawni)**

**(Kawża T-114/16)**

(2016/C 165/19)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Delfin Wellness GmbH (Leonding, l-Awstrija) (rappreżentant: T. Riedler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sabine Laher (Weyer, l-Awstrija)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Proprietarju tad-disinn ikkontestat: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn ikkontestat ikkonċernat: id-disinn tal-Unjoni Ewropea Nru 1058812-0001, Nru 1058812-0002 u Nru 1058812-0003